il-Gżejjer

IS-SEBA' SENA | OTTUBRU 1978 | NRU. 86

# ĊENTRU REĠJONALI GĦALL-UŻU PRATTIKU TA' ENERĠIJA




Il-Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekomunikazzjonijiet, is-Sur Wistin Abela waqt id-diskors tal-ftuħ tal-laqgħa.

**ESPERTI ta' l-enerġija mill-pajjiżi tal-Mediterran qablu li jirrakkomandaw lill-gvernijiet tal-pajjiżi tagħhom biex f'Malta, fuq proposta tal-Gvern Malti, jsir ċentru reġjonali għall-użu prattiku ta' enerġija mix-xemx, mir-riħ u minn riżorsi oħrajn.**

Dan il-qbil minn dawn l-esperti sar f'laqgħa li saret bejn id-9 u t-13 ta' Ottubru fil-lukanda Corinthia f'Ħ'Attard. Din il-laqgħa saret b'riżultat ta' l-inizjattiva tal-Gvern Malti u ġiet imħejjija minn żewġ aġenziji tal-Ġnus Magħquda — il-Programm ta' l-Iżvilupp (UNDP) u l-Programm ta'

l-Ambjent (UNEP) — bl-iskop li jiżviluppaw programm koperattiv dwar l-applikazzjonijiet prattiċi ta' riżorsi u enerġija li jiġġeddu.

Fil-laqgħa, li infetħet mill-Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekommunikazzjonijiet, is-Sur Wistin Abela, ħadet sehem delegazzjoni Maltija ta' nies esperti magħmula mis-Sur L. Ciantar ta' l-Enemalta, Dr. Louis Saliba, Konsulent tal-Ministeru tas-Saħħa u Ambjent, is-Sur Joe Cini mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru u Dr Noel Zarb Adami mill-Korporazzjoni ta' l-Iżvilupp.

**Il-pajjiżi li ħadu sehem fil-laqgħa kienu Ċipru, Eġittu, Franza, Greċja, Israel, Italja, Malta, Monaco, Marokk, Spanja, Repubblika Għarbija tas-Sirja, Tuneżija, Turkija u Jogoslavja.**

Kien hemm ukoll rappreżentanza mill-Komunità Ekonomika Ewropea, mill-Ġnus Magħquda, mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa, mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Afrika, mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Asja tal-Punent, mill-UNIDO mill-UNDP, UNEP, UNESCO, World Metereological Organisation, FAO u mill-Organizzazzjoni għall-Edukazzjoni, Kultura u Xjenza tal-Lega Għarbija.

**Il-funzjonijiet ta' dan iċ-ċentru reġjonali jinkludu assistenza teknika, provista ta' servizzi ta' manteniment u pariri fuq problemi nazzjonali, organizazzjoni tal-korsijiet u faċilitajiet għal taħriġ, laqgħat tekniċi u wiri ta' impjanti ta' enerġija, kif ukoll informazzjoni u dokumentazzjoni f'dan il-qasam.**

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet li fuqhom sar qbil mill-esperti se jitressqu għall-approvazzjoni tal-Gvernijiet tal-Pajjiżi tal-Mediterran fil-konferenza li l-Ġnus Magħquda ser tlaqqa' fi Franza fi Frar li ġej.

---

# ĊENTRU TA' ĦIDMA SOĊJALI



*Il-bini magħruf bħala Istituto Tecnico Vincenzo Bugeja*

**IL-MINISTRU tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, is-Sinjorina Agatha Barbara, wara konsultazzjonijiet ma' diversi persuni li jaħdmu fil-qasam soċjali, ħasset il-ħtieġa li jitwaqqaf "Ċentru Ta' Ħidma Soċjali".**

**Dan iċ-ċentru ser jikkordina s-servizzi li jgħinu lill-popolazzjoni ttaffi d-diffikultajiet familjari u soċjali minn żmien għal żmien.**

Il-Ministru Barbara iddeċidiet għalhekk li jitwaqqaf dan iċ-Ċentru fil-bini magħruf bħala Istituto Tecnico Vincenzo Bugeja, fil-Ħamrun.

**Il-pubbliku ser ikun jista' jirrikorri f'dan iċ-Ċentru biex jikseb informazzjoni dwar servizzi li jista' jkollu bżonn, skond il-problemi soċjali li jinqalgħu.**

Jekk individwi jew familji jkunu jridu, iċ-Ċentru ser ikun jista' jirreferi l-każ tagħhom lid-Dipartimenti konċernati. Wara dan, iċ-Ċentru jkun jista' jsegwi l-każ sakemm il-problema tiġi solvuta jew irranġata.

Barra minn hekk iċ-Ċentru ser ikun jista' jservi biex jagħti informazzjoni lill-pubbliku fil-qasam tal-ħidma soċjali, f'każi bħalma huma mard serju fuq persuni inkapaċitati; xjuħija; drogi; jew imwiet fil-familja.

**'Il quddiem, iċ-Ċentru ser jibda jaħdem id f'id mal-kumitati tal-Ġirien, biex b'hekk l-għajnuna soċjali tinfirex iktar u tkun iktar aċċessibbli għal kulħadd.**

Iċ-Ċentru Ħidma Soċjali mistenni jiġi inawgurat uffiċjalment fi żmien qasir, hekk kif jitlesta t-tibdil strutturali li kien meħtieġ fil-bini.

# GHAJNUNA LILL-BDIEWA GHAWDXIN

Fis-sala tal-M.M.U. ġewwa Għawdex nhar il-Ħamis 12 ta' Ottubru sar l-iffirmar ta' kuntratti minn 45 bidwi u produtturi tal-ħalib li bejniethom ser jingħataw 'il fuq minn £M7,000 bħala għotja għall-bini ta' ġwiebi, x-xiri ta' makni tal-ħalib u 'milk cooler'. Sajjied ser jiġi megħjun biex jixtri 'radio-telephone'.



**Din l-għajnuna hija tkomplija tal-ħidma tal-Ministeru ta' l-Agrikoltura biex ir-raħħala u l-bdiewa Għawdxin bħal sħabhom f'Malta, jiġu nkurraġġuti fl-isforzi tagħhom biex ikabbru l-produzzjoni agrikola u biex tissaħħaħ l-industrija tal-ħalib.**

Preżenti għall-iffirmar minbarra uffiċjali tal-Ministeru ta' l-Agrikoltura kien hemm ukoll is-Sur C. Buttigieg, Membru Parlamentari Laburista Għawdxi.



# GHOTJA TA' JEANS

Il-Ministru tal-Edukazzjoni, t-tabib Philip Muscat irċieva għan-nom tal-Kulleġġ Residenzjali ta' St Patrick għadd ta' 'jeans' mogħtija mill-kumpanija Blue Bell (Malta) Ltd. Il-'jeans' ġew preżentati f'isem il-kumpanija mill-General Manager is-Sur George Borg.

F'diskors qasir il-Ministru Muscat feraħ lill-kumpanija Blue Bell (Malta) Ltd. tal-ġest sabiħ tagħhom li jagħtu 'jeans' lil kull wieħed mill-130 tifel tal-kulleġġ u wera x-xewqa li kumpaniji oħra jimitaw pass bħal dan.

F'din iċ-ċerimonja ħadu sehem il-kor u l-orkestra tal-iskola residenzjali ta' St Patrick.

# HOSTEL GHAT-TFAJLIET

**Il-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura u l-Ordni tas-Sorijiet tal-Bon Pastur, nhar il-Ġimgħa 6 ta' Ottubru, iffirmaw ftehim li jipprovdi għat-twaqqif ta' hostel għat-tfajliet u nisa żgħażagħ.**

Dan is-servizz ġdid, huwa maħsub biex jagħti faċilitajiet ta' residenza u rikreazzjoni lil dawn it-tfajliet, f'ambjent li joqrob kemm jista' jkun lil dak ta' familji normali.

Fil-hostel qed jgħammru tfajliet li ġew rakkomandati mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali jew li minn jeddhom applikaw biex imorru joqogħdu fih.

Preżenti kien hemm il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, is-Sinjorina Agatha Barbara, id-Direttur tas-Servizzi Soċjali, is-Sur Alfred Bellizzi, is-soru Superjura Karmen Zammit u s-soru Regina De Felice kif ukoll is-Sur Alfred Zammit Montebello, l-uffiċjal inkarigat mit-Taqsima tal-Welfare.

# Skemi ta' l-Awtorità tad-Djar

L-AWTORITA' tad-Djar ġiet imwaqqfa biex ittejjeb il-qagħda tad-djar f'Malta. Għalhekk l-Awtorità tad-Djar għandha s-setgħa bil-liġi li tista' tiżviluppa, tippromovi, tiffinanzja u tamministra estates tad-djar u postijiet oħra residenzjali u kummerċjali u tinkoraġġixxi 'home ownership'.

Skond id-direttivi tal-Kabinett ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Jannar, 1977, l-Awtorità tad-Djar tista' toffri għall-bejgħ postijiet tal-Gvern li jinsabu mxerrda ma' Malta u Għawdex.

## 1. XIRI TA' POSTIJIET RESIDENZJALI

L-Awtorità tad-Djar għandha s-setgħa li tiddeċiedi dwar il-prezz u kundizzjonijiet oħra tal-bejgħ. Bl-approvazzjoni tal-Gvern, l-Awtorità tad-Djar diġà fasslet il-'policy' tagħha rigward il-prezzijiet u l-kundizzjonijiet li bihom jistgħu jinxtraw il-postijiet residenzjali kif ukoll ir-rata ta' l-imgħaxijiet li min ikun irid jissellef għandu jħallas fuq il-prezz tax-xiri.

(a) PREZZ — **Il-prezz tal-postijiet ikun stmat mill-Awtorità tad-Djar. Biex issir l-istima u tasal għall-prezz xieraq u raġonevoli, l-Awtorità tad-Djar tikkunsidra l-lokalità, l-ambjent li fihom ikunu mibnijin il-postijiet, l-istat tal-bini u l-prezz kummerċjali.**

(b) ĦLAS — **L-Awtorità tad-Djar sejra tagħti dawn il-faċilitajiet fil-pagamenti u rati ta' imgħaxijiet li jrid iħallas min jixtri d-dar tiegħu.**

**Il-prezz tad-dar ikun jista' jitħallas lura fi żmien ħmistax-il sena b'rati kull xahar li jinkludu fihom l-imgħax. Ix-xerrej ikun irid iħallas mal-kuntratt 10% tal-prezz.**

Ir-rati ta' l-imgħax ikunu skond id-dħul (income) ta' l-applikant u għalhekk ivarja skond il-klassi ta' income li għaliha jappartjeni l-applikant Għal dan l-iskop ġew imqassmin mill-Awtorità, bl approvazzjoni tal-Gvern, sitt klassijiet skond kif murija fil-paragrafu 3.

(ċ) POSTIJIET DIĠA' OKKUPATI — **Meta l-postijiet huma diġà okkupati dawn jistgħu jinxtraw biss minn min joqgħod fihom.**

(d) DJAR ĠODDA MHUX OKKUPATI — **Djar mibnijin ġodda li għadhom ma ġewx allokati jistgħu jinxtraw minn persuni li jistħoqqilhom wara sejħa għall-applikazzjonijiet mill-Awtorità tad-Djar. Dawn il-persuni jingħażlu skond l-istess sistema ta' punti kif spjegata fil-paragrafu 3.**

## 2. SKEMA TA' HOME OWNERSHIP

L-Awtorità tad-Djar trid tinkoraġġixxi l-Home Ownership u għalhekk hija sejra toffri bċejjeċ ta' art biex min ikun jinteressah ikun jista' jibni dar għalih. Taħt din l-iskema l-Awtorità wkoll qiegħda toffri faċilitajiet dwar ir-rata taċ-ċens u self.

(a) ĊENS — **Iċ-ċens huwa perpetwu u b'rata baxxa.**

(b) SELF — **Min irid jista' jissellef minn bank approvat mill-Awtorità. F'dan il-każ is-self ma jistax ikun aktar minn £M3,000 u r-rata ta' l-imgħax tvarja skond għal liema klassi jappartieni l-applikant minn dawk is-sitt klassijiet ta' income li jidhru fil-paragrafu 3.**

Bċejjeċ ta' art (plots) taħt din is-sistema jingħataw wara sejħa għall-applikazzjonijiet u l-Awtorità tad-Djar, biex tagħżel min jistħoqqlu jieħu biċċa art, tikkunsidra:

(i) **Fil-każ ta' Miżżewġin** — Il-qligħ ta' l-applikant u l-mara tiegħu, numru ta' persuni fil-familja, numru ta' kmamar fil-post fejn joqgħod, jekk ir-residenza hijiex proprjetà tiegħu u l-kundizzjoni tal-post fejn joqgħod;

(ii) **Fil-każ ta' l-Għarajjes** — Il-qligħ ta' l-għarus u tal-għarusa u l-età tal-għarusa.

## 3. SUSSIDJU

Biex tgħin lil dawk li l-aktar għandhom bżonn l-Awtorità sejra tagħti sussidju kemm lil dawk li jridu jħallsu l-prezz tal-post li jixtru biex joqogħdu fih kif ukoll lil dawk li jridu jissellfu biex jibnu djarhom taħt l-iskema tal-Home Ownership.

**Dan is-sussidju sejjer ikun taħt għamla ta' rati baxxi ta' self. Ir-rata ta' self, fil-preżent hija ta' 8%, filwaqt li r-rata ta' l-imgħax li biha sejra tislef l-Awtorità tkun skond il-klassi ta' income li għaliha jappartieni l-applikant kif jingħad aktar 'il quddiem.**

L-Awtorità tad-Djar stabbiliet dawn is-sitt klassijiet ta' income u r-rata ta' imgħax li tvarja għal kull klassi. Id-differenza fir-rata ta' l-imgħax baxx u dik kummerċjali aktar għolja titħallas mill-Awtorità tad-Djar.

## RATI TA' IMGĦAX SKOND IL-KLASSI TA' L-INCOME

| | Klassi ta' Income (Dħul fis-Sena) | Rata ta' imgħax li jrid iħallas il-Benefiċċjarju | Rata ta' imgħax li trid tħallas l-Awtorità tad-Djar |
|---|---|---|---|
| A | Inqas minn £M1200 ... ... ... | 2% | 6% |
| B | £M1200 iżda inqas minn £M1650 ... | 3% | 5% |
| Ċ | £M1650 iżda inqas minn £M2100 ... | 4% | 4% |
| D | £M2100 iżda inqas minn £M2550 ... | 5% | 3% |
| E | £M2550 iżda inqas minn £M3000 ... | 6% | 2% |
| F | £M3000 iżda inqas minn £M5000 ... | 7% | 1% |

Min jaqla' aktar minn £M5000 ma jikkwalifikax għal sussidju, iżda xorta jista' japplika għal biċċa art (plot) taħt l-iskema tal-'Home Ownership' u jekk ikun jistħoqqlu skond is-sistema li tgħodd għall-allokazzjoni skond kif intqal fil-paragrafu 2, jingħata biċċa art b'ċens baxx.

### 4. ALLOKAZZJONIJIET B'KERA TA' POSTIJIET

Il-postijiet jiġu allokati mill-Awtorità tad-Djar fuq sistema ta' punti li diġà ġiet stabbilita mill-Awtorità u approvata mill-Gvern. Il-kera ta' dawn il-postijiet huwa wkoll issussidjat.

L-allokazzjonijiet isiru wara sejħa għall-applikazzjonijiet.

(a) **SISTEMA TA' PUNTI** — Il-punti li jingħataw skond din is-sistema huma kif jidher hawn taħt:

**Għall-Miżżewġin**

**i. Numru, etajiet u sess tal-membri tal-familja**

Ir-raġel u l-mara — 14-il punt kull wieħed;

Persuni oħra ta' 12-il sena u fuqhom — 10 punti kull persuna;

Tfal ta' 5 snin u fuqhom iżda taħt it-12-il sena — 5 punti kull wieħed;

Tfal taħt il-5 snin — 1 punt kull wieħed;

Persuni ta' 12-il sena u fuqhom ta' kull sess — 1 punt kull wieħed.

**ii. Mard** — Il-punti ta' membru tal-familja li jkun ibati minn marda li tkun iċċertifikata minn tabib u tkun ta' natura permanenti jkunu rduppjati.

**iii. Dħul (Income) fis-Sena**

Income tar-raġel u tal-mara —

li jkun inqas minn £M1200 ... **30 punt**

minn £M1200 iżda inqas minn £M1650 ... ... ... **20 punt**

minn £M1650 iżda inqas minn £M2100 ... ... ... **15 punti**

minn £M2100 iżda inqas minn £M2550 ... ... ... **10 punti**

minn £M2550 iżda inqas minn £M3000 ... ... ... **5 punti**

minn £M3000 iżda inqas minn £M5000 ... ... ... **1 punt**

**iv. Kmamar fir-residenza**

Kmamar inqas minn 60 pied kwadru (madwar 5.5 metri kwadri) **$\frac{1}{4}$ punt**

Kmamar ta' bejn 60 iżda inqas minn 90 pied kwadru (minn madwar 5.5 metri kwadri sa madwar8.3 metri kwadri) ... **$\frac{1}{2}$ punt**

Kmamar ta' 90 pied kwadru jew aktar ('il fuq minn madwar 8.3 metri kwadri ... ... **1 punt**

**v. Kundizzjoni tar-residenza**

Jekk ir-residenza tkun sub-standard jiżdiedu **3 punti.**

It-total tal-punti miksuba mill-paragrafi i, ii, iii, ikun diviż mill-punti fil-paragrafu iv. Ma' dan l-ammont jingħaddu l-punti, jekk ikun il-każ, tal-paragrafu v, u b'hekk joħroġ l-ammont ta' punti mistħoqqa.

**Għall-Għarajjes**

**i. Età**

Nisa taħt l-20 sena ... ... 20 punt

Nisa minn 20 sa 24 sena ... ... 30 punt

Nisa minn 25 sa 29 sena ... ... 40 punt

Nisa minn 30 sa 40 sena ... ... 45 punt

**ii. Dħul (Income) fis-Sena**

Income tal-għarus u l-għarusa —

inqas minn £M1200 ... ... 30 punt

minn £M1200 iżda inqas minn £M1650 ... ... 20 punt

minn £M1650 iżda inqas minn £M2100 ... ... 15 punti

minn £M2100 iżda inqas minn £M2550 ... ... 10 punti

minn £M2550 iżda inqas minn £M3000 ... ... 5 punti

minn £M3000 iżda inqas minn £M5000 ... ... 1 punt

(b) **SUSSIDJU FUQ IL-KERA — Il-kera ta' postijiet tal-Gvern allokati mill-Awtorità tad-Djar lill-applikanti li jappartienu lil xi waħda mill-ewwel tliet kategoriji jew klassijiet ta' income imsemmija fil-paragrafu 3, jiġifiri kategoriji A, B, C, jiġi issussidjat b'dan il-mod. Għall-applikanti li jaqgħu taħt il-kategorija A l-kera jkun £M45 fis-sena; għal dawk li jappartienu lill-kategorija B il-kera jkun ta' £M60 fis-sena u għal dawk li jappartienu lill-kategorija Ċ il-kera jkun ta' £M75 fis-sena.**

(ċ) **Il-persuni li jaqilgħu mhux iktar minn £M1200 ikunu ippreferuti fil-każ ta' l-allokazzjoni ta' postijiet rekwiżizzjonati (proprjetà privata).**

5. **ALLOKAZZJONIJIET DIRETTI**

L-Awtorità tad-Djar tagħti postijiet b'allokazzjoni diretta f'dawn il-każi:

(a) **Government Evictees** — Persuni li jkollhom jiġu akkomodati f'post ieħor minħabba proġetti governattivi;

(b) **Każi ta' periklu** — Persuni li firresidenza tagħhom jiżviluppa periklu, jiġu provduti, fil-każ li jkun hemm bżonn, b'akkomodazzjoni sakemm il-periklu jiġi mneħħi;

(ċ) F'każi umanitarji oħra u f'ċirkostanzi speċjali.

6. **ĠENERALI**

Billi l-Awtorità tad-Djar ma tħossx li mill-ewwel għandha toffri għall-bejgħ il-proprjetà kollha tal-Gvern, kif inhi mxerrda mad-diversi lokalitajiet f'Malta u f'Għawdex, iddeċidiet, bl-approvazzjoni tal-Gvern, li tibda minn ċerti lokalitajiet ta' Malta. Għalhekk, għall-ewwel se jiġu offruti għall-bejgħ dawk il-postijiet li jinsabu fil-Belt Valletta u l-Furjana u d-djar f'Ta' Giorni, Ta' Xbiex, San Ġwann u Santa Lucia. 'Il quddiem l-Awtorità toffri għall-bejgħ postijiet oħra li jkunu indikati minnha.

Fl-Uffiċċju ta' l-Awtorità tad-Djar se jinżamm Reġistru dwar il-bejgħ ta' bini li jkun fih id-dettalji dwar il-persuni li ġew issussidjati in konnessjoni ma' l-istess bejgħ. Dan ir-Reġistru jkun jista' jarah il-pubbliku.

Benefiċċji mill-Awtorità tad-Djar jitgawdew darba waħda biss.

L-applikazzjonijiet għall-kiri jew xiri ta' bini jittieħdu mill-Uffiċċju ta' l-Awtorità jew minn postijiet oħra avżati minha, meta jkun hemm fis-seħħ avviż għall-kiri jew xiri ta' bini.

# Il-Kotba tax-Xogħol

ID-DIRETTUR tax-Xogħol u Emigrazzjoni jgħarraf li skond l-Ordni ta' l-1974 dwar il-Kotba tax-Xogħol, kull persuna li tkun qed tagħmel xogħol bi qligħ kemm "full time" kif ukoll "part-time", għandu jkollha Ktieb tax-Xogħol li jrid jinżamm fid-Dipartiment tax-Xogħol u Emigrazzjoni matul iż-żmien li l-persuna konċernata tkun qed taħdem.

**Dawk il-persuni kollha li jaħdmu għal rashom bħal ma huma professjonisti, bejjiegħa tat-toroq, ħaddiema fl-industrija tal-bini, bdiewa, sajjieda, budnara, xufiera tat-taxis, baklori, gwidi tat-turisti, u oħrajn, huma speċjalment imfakkra li huma wkoll għandu jkollhom Ktieb tax-Xogħol li juri, fost affarijiet oħra, in-natura tax-xogħol li jkunu qegħdin jagħmlu.**

L-attenzjoni tal-Prinċipali, inkluż kapijiet ta' familji li jimpjegaw ħaddiema fis-servizz domestiku, qegħda wkoll tiġi miġbuda għall-fatt li l-anqas huma ma jistgħu jimpjegaw persuni "whole-time" jew "part-time" qabel ma jgħarrfu lid-Direttur tax-Xogħol u Emigrazzjoni b'dak l-impieg, u kemm-il darba l-persuna li tkun, ma tippreżentalhomx Ktieb tax-Xogħol li juri li l-imsemmi Direttur ikun innota kif imiss dak l-impieg. **Dan japplika wkoll f'każi fejn Prinċipal ikun ser jimpjega miegħu fuq bażi "part-time" xi persuna li diġa' jkollha mpieg "full-time".**

Kull persuna li tikser jew tonqos li tħares xi disposizzjoni ta' l-Ordni ta' l-1974 dwar il-Kotba tax-Xogħol tista' teħel multa.

# inti u l-liġi

*Fil-kuntratt li bih jien ħadt id-dar fejn noqgħod b'ċens li jagħlaq, hemm il-kliem: "F'kull trasferiment futur b'titolu oneruż għandu jitħallas il-lawdemju". X'jiġifieri "trasferiment futur b'titolu oneruż"?*

Ikun hemm "trasferiment" meta ħaġa tgħaddi minn id għal oħra.

It-trasferiment jista' jkun "oneruż", jew "gratuwitu". Hu oneruż meta jsir bi ħlas, bħal fil-bejgħ. Hu gratuwitu meta jsir bla flus, bħal fid-donazzjoni, jew fil-wirt. Fi kliem ieħor, kull ma jfissru l-kelmiet li int staqsejtni hu dan: "Kull darba li d-dar tgħaddi għand ħaddieħor b'xiri jew b'ċens, min joħodha jkun irid iħallas il-lawdemju".

Ftakar li skond emenda reċenti, fiċ-ċens li jagħlaq, ma jitħallasx lawdemju jekk iż-żmien taċ-ċens miftiehem ikun inqas minn għoxrin sena.

* * *

*Għadni kif għamilt konvenju fejn obbligajt ruħi li nixtri dar. Xi ħadd qalli li l-bejjiegħ għandu l-kitba taż-żwieġ, u li allura hu ma jistax ibiegħ jekk ma jagħmilx rikors is-Sekond' Awla. Dan veru?*

Waħda mir-raġunijiet li għalihom isir il-konvenju hi biex min għandu interess, jagħmel ir-riċerki, jew tiftixiet, meħtieġa. In-Nutar tiegħek, meta jkun jaf li min se jbiegħlek għandu l-kitba taż-żwieġ, naturalment jġiegħlu jagħmel rikors, u jtella lil martu quddiem l-Imħallef tas-Sekond' Awla biex hi tirrinunzja favur tiegħek għad-dritt li għandha fuq ħwejjeġ żewġha. Fejn m'hemmx kitba taż-żwieġ m'hemmx dan il-bżonn. Xi kultant, ikun hemm min għandu l-kitba taż-żwieġ u jbiegħ minn ħwejjġu mingħajr ma jtella' 'l martu fis-Sekond' Awla. Pero' f'każijiet bħal dawn, min jixtri ma jkunx fis-sod għal kollox.

* * *

*Jien biegħet dar bil-kundizzjoni li jien ikolli d-dritt li nibqa' nużaha u noqgħod fiha sakemm immut. Issa jekk xi ġar itella' bini u jpoġġi ma' din id-dar, jiena jkolli dritt għall-appoġġ?*

Meta inti bgħidt id-dar, id-dritt tal-proprjetà għaddha minn fuqek għal fuq min xtraha. Kull ma żammejt inti hu dritt ta' l-użu u ta' l-abitazzjoni. Dritt għal ħlas ta' l-appoġġ jappartjeni lis-sid il-ġdid, u mhux lilek, sakemm ma żammejtx id-dritt għall-ħlas ta' l-appoġġi espressament fuq il-kuntratt.

*Missier ta' familja għandu biċċa raba. Hu taha bi qbiela lil wieħed minn uliedu, u ppromettielu li jkun jista' jibqa' jgawdiha u jaħdimha għomru kollu, pero' mhux bil-miktub. Meta jmutu l-ġenituri, ħut dan li qed jaħdem l-art bi qbiela jkunu jistgħu jeħduhielu? F'każ li iva, ikollu xi dritt għal kumpens?*

La dan l-iben qed iħallas il-qbiela, ħutu, jekk għada pitgħada jkunu jridu joħduhielu, ikunu jridu jagħmlu kawża fil-Bord tal-Qbiela jew fil-Qorti, u l-Bord jew il-Qorti tiddeċiedi għandhomx joħduha jew le. Fil-każ li l-Bord jew il-Qorti tiddeċiedi li għandhom joħduha, hu jkollu dritt jitħallas tal-benefikati li jkun għamel.

Għidt "Il-Bord tal-Qbiela jew il-Qorti" għax biex issir kawża kontra kerrej tkun trid issir mis-sidien kollha. Issa, wara l-mewt tal-ġenituri, dan il-kerrej, probabilment, ikun wieħed mis-sidien, jekk il-ġenituri ma jkunux iddisponew b'mod ieħor. Għalhekk hu probabbli ferm li kawża bħal din tkun ta' kompetenza tal-Qorti Ċivili, u mhux tal-Bord.

* * *

*A xtara fond mingħand B. Dan il-fond hu suġġett għal ċens li jrid jitħallas kull sena lil C. Wara li sar ix-xiri, ix-xerrej A sar jaf li B kellu jagħti somma lil C għax kien ilu ma jħallsu X snin. C talab din is-somma lil A. A obbligat iħallas lil C?*

Verament, id-debitur hu B, għax hu kien naqas milli jħallas lil C għal X snin ċens. Pero' sid l-art, jew, kif jissejjaħ fil-liġi, il-padrun dirett, għandu, skond l-artikolu 2114 tal-Kodiċi Ċivili, privileġġ speċjali fuq l-utli dominju tal-fond mogħti b'ċens għall-ħlas taċ-ċnus li jkollu jagħti ċ-ċenswalist. Dan, għal A hu ta' perikolu. Jaqbillu jħallas iċ-ċnus dovuti lil C, u mbagħad ifittex lil B għalihom.

Dejn bħal dan, la ma jkunx insinwat fir-Reġistru Pubbliku, in-Nutar ma jistax isibu. In-Nutar, fir-riċerki, isib dawk id-djun li jkunu nsinwati.

* * *

*Min għandu bejt li jħares għal fuq proprjetà ta' ħaddieħor ikollu jtella "opramorta" anki jekk dan il-bejt ma jkollux taraġ għal fuqu?*

L-artiklu 464 (1) tal-Kodiċi Ċivili jgħid:— "Dak li fil-bini tiegħu hemm taraġ li jieħu għall-bejt, għandu jgħolli, spejjeż tiegħu, il-ħajt diviżorju sa sitt piedi mil-livell tal-bejt". Mela, waħda mill-kundizzjonijiet li għalihom wieħed hu obbligat li jtella' opramorta hi li l-bejt ikollu taraġ li jieħu għalih. Imma jekk wieħed jitla' fuq bejt li ma għandux taraġ, permezz ta' skala-piża jew sellum, ta' sikwit u b'inkonvenjenza tal-ġar, il-Qorti tista' tobbligah itella l-opramorta. Dan il-prinċipju ġie miżmum f'sentenzi tal-Qrati tagħna. Bħala eżempju araw sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla, fit-8 ta' Jannar, 1936. Skond din is-sentenza, meta l-bejt ikun "faċilment aċċessibbli b'sellum, u jkun abitwalment użat . . . . u ta' inkomdu għall-ġar", ikollha tinbena opramorta.

Tinsiex li skond l-istess artiklu (inċiż ii) il-ħxuna ta' l-opramorta għandha tkun dik tal-ħajt diviżorju.

# HIDMA TAL-GVERN

*Fl-aħħar ħarġa ta' "Il-Gżejjer", semmejna l-ħidma kbira li qed issir fuq is-sistema tat-triqat li mill-Mosta – SAN ĠUŻEPP TAT-TARĠA – twassal sal-Mellieħa. F'din il-ħarġa, sejrin naraw x'qed jagħmel il-Gvern sabiex jirranġa is-*

# SISTEMA TAR-RIMI TAD-DRENAĠĠ F'MALTA





**F'WIED GĦAMMIEQ, LIMITI TAL-KALKARA, JAQA' D-DRENAĠĠ TA' PARTI KBIRA MINN MALTA LI JKUN ĠEJ SA MINN POSTIJIET BĦAL BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ, IN-NAXXAR, ĦAL BALZAN, IR-RABAT, IS-SIĠĠIEWI, IŻ-ŻURRIEQ, BIRŻEBBUĠA, MARSAXLOKK, WIED IL-GĦAJN, IL-BELT VALLETTA U TAS-SLIEMA.**

Sa ftit ilu, dan id-drenaġġ kien jiżbokka minn katusa qadima li tarmi f'wiċċ il-baħar eżatt max-xatt taħt il-Fortizza ta' Santu Rokku.

Id-drenaġġ, li hu eħfef mill-ilma baħar, kien jifforma roqgħa kerha u maħmuġa fil-wiċċ li timxi skond 'il fejn ikun qed jonfoħ ir-riħ.

L-ilma imniġġez kien jinfirex matul ix-xatt tax-Xgħajra u xi drabi oħra kien ukoll jidħol fil-Port il-Kbir.

Hawnhekk, ta' min isemmi, li d-drenaġġ f'Malta huwa konċentrat ħafna mqabbel ma' pajjiżi oħra. Dan għaliex f'pajjiżna l-konsum ta' l-ilma hu relattivament baxx u għalhekk id-drenaġġ ma tantx jitħallat ma' ilma ieħor huwa u għaddej mill-katusi.

**Issa, sabiex dan id-drenaġġ ma' jibqax iniġġeż ix-xtut tagħna u biex ma tibqax tidher din ir-roqgħa kbira maħmuġa fil-baħar f'dawk in-naħiet, il-Gvern, permezz tal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport taħt is-Sur Lorry Sant, ħa ħsieb biex iseħħ proġett ta' rimi tad-drenaġġ f'qiegħ il-baħar (minflok fil-wiċċ) 'l barra minn Wied Għammieq, b'sistema moderna, effiċjenti u ekonomika.**

Għal dan il-għan, il-Gvern akkwista għajnuna teknika mill-World Health Organisation u mill-Gvern Olandiż, u kif ukoll mill-Commonwealth Fund for Technical Co-operation u mill-Ministry of Overseas Development.

**F'din is-sistema ġdida, id-drenaġġ jiġi mormi minn pajp mqiegħed f'qiegħ il-baħar 'l bogħod sewwa mix-xatt u li fin-naħa tat-tarf tiegħu għandu wkoll imqassma toqob li minnhom joħroġ il-materjal.**

B'din is-sistema, id-drenaġġ jinfirex ġo volum akbar ta' baħar milli kieku jintrema max-xatt kif kien qed jiġri qabel.

Billi kif għidna, d-drenaġġ huwa eħfef mill-ilma, sakemm dan jasal biex jitla' fil-wiċċ, tant ikun tħallat mal-baħar, li ma jibqa' prattikament l-ebda tniġġiż f'dawk l-inħawi. Barra minn hekk, l-organiżmi li jinsabu fid-drenaġġ u li jistgħu jagħmlu ħsara lill-bniedem, kważi kollha jmutu sakemm dawn jaslu sa wiċċ il-baħar.

## 710 METRU 'L BARRA

Il-kumpless tax-xogħol kollu jikkonsisti fil-Pumping Station li nbena qrib ix-xatt u li fih ġew immuntati żewġ skrejjen kbar teknikament magħrufa b'Archimedian Screws' (jiżnu 7 tunnellati 'l wieħed u twal 17-il metru) li bid-dawriet tagħhom itellgħu d-drenaġġ minn ġo 'sump' li tħaffer ġol-blat. Sadanittant, fis-'sump' tqiegħed apparat li jqatta' kull ma jkun hemm fil-materjal, u nbniet ukoll 'grit trap' li fiha jitneħħew is-solidi kollha biex jiġi evitat li jsir xi blockage fis-sistema.

Tqiegħdu wkol taħt l-art, pajpijiet ta' l-asbestos cement tul 240 metru u wiesa' metru li jikkumnikaw is-sistema mill-pumping station għal xatt il-baħar.

Fil-baħar, imbagħad tpoġġew pajpijiet tal-High Density Polyethelene li jwasslu għal tul ta' 710 metru 'l barra mix-xatt u jispiċċaw f'fond ta' 35 metru.

L-ewwel 110 metri kellhom jitqiegħdu fi trinka li tħaffret f'qiegħ il-baħar biex jipproteġu l-pajp mill-mewġ qawwi viċin ix-xatt. Il-kumplament tal-pajp ġie mqabbad mal-qiegħ permezz ta' 'ankri' tal-konkrit u ta' l-azzar li tqiegħdu f'distanza ta' 24 metru kull waħda.



**Bħalissa, qed isiru il-provi tal-makkinarju u l-bidla kbira li ssir f'Wied Għammieq kull meta titħaddem din is-sistema l-ġdida, jistgħu jiħduha dawk li jiffrekwentaw dawn in-naħiet. Ir-roqgħa vasta ta' ħmieġ li tniġġeż dawk n-naħiet u timminaċċja l-Port il-Kbir tgħib għal kollox u flokha jibqa' kulur il-baħar naturali li għalih hi magħrufa gżiritna.**



**Fuq il-proġett ħadmu ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet, il-Korp tal-Pijunieri, Dirgħajn il-Maltin u Ħaddiema Awżiljarji. It-tqegħid tal-pajpijiet f'qiegħ il-baħar — xogħol ġdid għall-ħaddiema Maltin — sar mill-għaddasa li d-Dipartiment ħarreġ għal dan il-għan permezz ta' korsijiet li saru mill-Missjoni Militari Taljana f'Malta.**

B'dan il-proġett, il-Gvern permezz tal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport, se jkun solva problema kbira li kien ilha magħna minn mindu bdiet is-sistema tad-drenaġġ f'dawn il-gżejjer.

# IL-FTUĦ UFFIĊJALI TAĊ-ĊENTRU SPORTIV GĦAS-SENA 1978/79

**NHAR is-Sibt, 7 ta' Ottubru, sar il-ftuħ uffiċjali taċ-Ċentru Sportiv għas-sena 1978-79 bi programm varjat u nteressanti ħafna u jinkludi bħala attrazzjonijiet displays tal-football, basketball, atletika u judo, logħba football tat-tfajliet u esebizzjoni fis-sala taċ-Ċentru.**

Id-displays tal-football u tal-basketball saru mit-tfal taċ-Ċentru, li ġew imlaqqa' apposta. Il-Malta Amateur Athletic Association u l-Malta Judo Association ippreżentaw id-displays fl-atletika u l-judo.

Wara dawn id-displays intlagħbet logħba football tat-tfajliet bejn Tepsin Mimmit, champions tal-Finlandja, u selezzjoni ta' tfajliet Maltin li ħadu sehem fil-kompetizzjoni tal-football organizzata mill-Ministeru l-istaġun li għadda.

Fi tmiem il-logħba, il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, is-Sur Lorry Sant, fetaħ esebizzjoni sportiva fis-sala taċ-Ċentru Sportiv, il-Marsa.

# ŻJARA F'MALTA TA' TEPSIN MIMMIT

**NHAR il-Ħadd, l-1 ta' Ottubru, it-tim tal-football tat-tfajliet mill-Finlandja, Tepsin Mimmit, wasal Malta għal żjara ta' ġimgħa fuq stedina tal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport sabiex jilagħbu għadd ta' logħbiet kontra oppożizzjoni lokali.**

It-tim Finlandiż, champions tal-kampjonat tal-football tat-tfajliet fil-Finlandja, niżlu jittrenjaw il-Marsa, biex wara lagħbu l-ewwel logħba tagħhom kontra ċ-champions Maltin tal-football tat-tfajliet, Cressi Blues. Din il-logħba saret fl-Istadium tal-Marsa.

It-tim Finlandiż qatta' ġurnata Għawdex. Huma kellhom ukoll prova mhux tas-soltu meta ltaqgħu kontra tim tal-veterani rġiel fl-Istadium tal-Marsa.

L-aktar logħba mistennija matul iż-żjara tagħhom kienet dik meta iltaqgħu kontra selezzjoni mit-timijiet tat-tfajliet li ħadu sehem fl-ewwel kompetizzjoni tal-football tat-tfajliet li qatt ġiet organizzata f'Malta, kompetizzjoni li l-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport organizza l-istaġun li għadda. Din il-logħba kienet parti mill-programm li sar is-Sibt waqt il-ftuħ uffiċjali taċ-Ċentru Sportiv fil-Marsa.

It-tim Finlandiż irritorna lejn pajjiżu nhar il-Ħadd, 8 ta' Ottubru.



*It-tim Finlandiż TEPSIN MIMMIT*

# TAĦRIĠ TAL-FOOTBALL U ĠINNASTIKA

**IL-MINISTRU tax-Xogħlijiet u Sport, is-Sur Lorry Sant, dan l-aħħar ippreżenta rigali lil żewġ esperti mill-Korea ta' Fuq li għal dawn l-aħħar sitt xhur għenu lis-Sezzjoni Sport tal-Ministeru fit-taħriġ tal-football u tal-ġinnastika.**



Dawn iż-żewġ esperti kienu Ha Jong Won — li kien lagħab għall-Korea ta' Fuq fit-Tazza tad-Dinja tal-1966 fl-Ingilterra — u Kim Jae Sik.

---

## Table Tennis

# PREŻENTAZZJONI LIL COACH ĊINIŻ

**IS-SUR Tony Ghio, f'isem il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, is-Sur Lorry Sant, nhar it-Tnejn 9 ta' Ottubru ppreżenta rigali u ittra ta' ringrazzjament lill-coach Ċiniż tat-table-tennis, Ching Yu-Te, kif ukoll lill-interpretu, Pan Wei-Min, qabel iħallu Malta wara sitt xhur taħriġ fil-logħba lil coaches u players Maltin.** (ara ritratt fuq il-lemin)

Il-preżentazzjoni saret fl-Ambaxxata tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina f'San Ġiljan li għaliha kienu preżenti uffiċjali mill-Ambaxxata u mill-Ministeru ta' l-Isport.

Is-Sur Ghio rringrazzja lil Ching Yu-Te illi matul dawn is-sitt xhur, bil-għajnuna ta' Pan Wei-Min, ħadem bis-sħiħ fi skejjel u każini biex jagħti taħriġ siewi fit-table-tennis lil coaches u players Maltin. Huwa wettaq xogħlu bl-akbar attenzjoni u kien miġjub minn kulħadd mhux biss għall-kapaċitajiet tekniċi tiegħu imma wkoll għall-onestà u l-integrità tiegħu. Is-Sur Ghio wera t-tama tal-Ministeru li aktar coaches Ċiniżi f'diversi sports jiġu jgħinu l-isports f'pajjiżna bis-saħħa tal-ħbiberija li teżisti bejn il-poplu Ċiniż u l-poplu Malti.



# KULTURA



# KUNĊERTI TA' MUŻIKA U KANT MILL-'ENSEMBLE' TAX-XANDIR TAR-REPUBBLIKA POPOLARI TAĊ-ĊINA



*Għar-Rappreżentazzjoni fl-Orpheum, il-Ministru Agatha Barbara, għamlet indirizz ta' merħba lill-'Ensemble', Ċiniż.*

**WARA stedina mill-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, s-Sinjorina Agatha Barbara, dan l-aħħar wasal fostna l-'ensemble' tax-Xandir tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina.**

Dan l-'ensemble' li hu magħruf mad-dinja huwa kompost minn tletin ruħ bejn mużiċisti u kantanti fost l-aħjar li hemm fiċ-Ċina. Matul iż-żjara fl-Ewropa il-Grupp ġie l-ewwel Malta u wara ta kunċerti fil-Ġermanja tal-Punent u fl-Italja. L-'ensemble' kien Malta bejn il-Ħamis 21 ta' Settembru u l-Erbgħa 27 ta' Settembru.

Matul din iż-żjara l-'ensemble' ta tlett kunċerti, tnejn f'Malta u ieħor f'Għawdex. Il-kunċerti f'Malta saru fit-Teatru Orpheum u fit-Teatru Manoel. Dak ta' Għawdex sar fit-Teatru Astra.

Ir-repertorju ta' dan l-'ensemble' huwa vast iżda l-aktar li jispeċjalizza fih kienu biċċiet tradizzjonali bħal ma huma l-istrumenti li smajnihom f'Malta għall-ewwel darba.

L-'ensemble' kien immexxi mis-surmast Peng Hsin Wen.

# Sussidju għal Pubblikazzjonijiet bil-Malti

L-AWTURI li jixtiequ japplikaw għal sussidju tal-Gvern għal dak li għandu x'jaqsam ma' xogħlijiet ippubblikati bil-Malti huma mgħarrfin illi għandhom jissottomettu x-xogħlijiet tagħhom lis-Segretarju, Kumitat tas-Sussidji, Pubblikazzjonijiet bil-Malti, fl-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, Valletta, kmieni kemm jista' jkun u f'kull każ, mhux aktar tard minn nofs in-nhar tal-31 ta' Diċembru, 1978.

Jitqiesu biss dawk l-applikazzjonijiet għal sussidju b'konnessjoni ma' xogħlijiet li jkunu ippubblikati fis-sena 1978, u li jkollhom din id-data stampata fuq il-ktieb.

Ma' l-applikazzjoni għandhom jintbagħtu ħames kopji tal-ktieb. Dawn ma jintbagħtux lura. Tagħrif aktar jista' jinkiseb mingħand is-Segretarju tal-Kumitat tas-Sussidji, Pubblikazzjonijiet bil-Malti, 'Ġawhra' 39a, Monte Rosa Gardens, San Ġiljan.

# Premju tal-Poeżija mill-Commonwealth

IL-MINISTERU tal-Kultura irċieva stedina mill-Istitut tal-Commonwealth, biex jintbagħtu poeżiji bl-ingliż ippubblikati, miġbura fi ktieb. Dawn il-kotba jistgħu jieħdu sehem fil-Kompetizzjoni għall-Premju tal-Poeżija mill-Commonwealth 1979, li tiġi organizzata mill-Istitut kull sena.

F'din il-Kompetizzjoni jistgħu jieħdu sehem biss poeżiji ppubblikati flimkien, u għalhekk l-ebda manuskritt jew fuljett ittajpjat ma jiġi aċċettat.

Dawk il-kittieba ta' kotba tal-poeżija li jixtieq−u jieħdu sehem f'din il-kompetizzjoni, għandhom jibgħatu 7 kopji ta' kull ktieb li ser iressqu. Il-kotba jridu jkunu ġew ippubblikati mhux qabel l-1 ta' Lulju, 1978. Dawn il-kotba għandhom jaslu lill-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, Taqsima Kultura mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju, 1979.

Ir-rebbieħ tal-Kompetizzjoni jitħabbar fl-aħħar ta' Awissu, 1979.

---

# TWAQQIF TA' ISTITUT TA' L-ARTI VIŻIVA U LETTERATURA

**IL-MINISTRU tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, is-Sinjorina Agatha Barbara, ilha żmien tistudja il-miżuri li għandhom jittieħdu biex tiġi mwettqa l-politika tal-Gvern, u jitwaqqaf Istitut ta' Artisti Maltin.**

Il-Gvern Soċjalista jrid li l-artisti f'diversi oqsma tal-arti, jiġu mgħejjuna biex jagħmlu mill-arti tagħhom mhux biss triq għall-Kultura, iżda wkoll professjoni li tagħti wkoll is-sehem tagħha għall-ġid materjali tan-Nazzjon.

F'diversi oqsma tal-arti bħalma huma mużika, u l-palk, diġà twaqqfu ċentri istituzzjonali. Issa jmiss li jitwaqqaf l-**Istitut tal-Arti Viżiva u tal-Letteratura.**

Il-Gvern alloka post Ċentrali fil-Belt Valletta fejn l-artisti f'dawn l-oqsma ser ikunu jistgħu 'l quddiem jiltaqgħu u jesponu l-arti tagħhom għall-pubbliku.

Il-Ministru Barbara qed tieħu ħsieb personalment tal-progress li qed isir f'dan il-qasam Kulturali.

**Il-parti ta' l-istorja antika ta' Ħal Luqa hi meħuda mill-ktieb "Bliet u Rħula Maltin" ta' Alfie Guillaumier**

# ĦAL LUQA

**ĦAL LUQA sar magħruf l-aktar għall-ajruport li fih. Minħabba dan il-fatt ukoll, dan ir-raħal kien ġarrab ħsarat kbar bil-bombi fl-aħħar gwerra. Bosta djar antiki kienu meqruda għal kollox. Fost dawn kien hemm min kellu xempju ta' twieqi ta' għamla "Mushrabija", relikwi nteressanti ħafna ta' meta l-Maltin imxew wara l-arkitettura Għarbija.**

Ma' Ħal Luqa kien hemm imissu l-irħula t Ferut u Farruġ, li għad illi l-fdal tagħhom għadu hemm, isimhom tista' tgħid intesa għal kollox. Il-knisja ewlenija tas-seklu XVII ta' Ħal Farruġ, "Il-Vittorja", sa ftit żmien ilu kienet għadha wieqfa' iżda billi din kienet tinsab sewwa sew f'tarf il-mitjar, kienet ġiet meqjusa bħala xkiel għall-ajruplani, u għalhekk tneħħiet. Ir-relikwarju fil-ġenb tat-triq ta' stil Barokk li kien jinsab f'Tad-Dawl ġie mneħħi wkoll; milli jidher minħabba t-twessigħ tat-triq.

### Popolazzjoni

Dan ir-raħal, fl-1592 kien jagħmel biss 30 dar. It-tieni data li nsibu li fiha sar bħal ċensiment kienet fis-sena 1633 (Castagna jsemmi din id-data bħala l-1634), — sena li fiha Ħal Luqa sar parroċċa. Sa mill-1624, żmien il-Gran Mastru De Paule, dan ir-raħal kien jagħmel sehem mal-matriċi antika ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ (Gudja) anki sa mill-1436. Meta l-knisja "Sant Andrija" ta' Ħal Luqa saret parroċċa, l-għadd ta' parroċċani li kienu jagħmlu magħha nstab li jgħoddu l-1000 ruħ, u kienu jgħammru ġo 240 dar. Elf ruħ, għal dak iż-żmien ma kienux ftit, l-iktar meta tqis li l-irħula xejn ma kienu 'l quddiem bħal ma huma llum.

Li tgħix ġo raħal, dak iż-żmien kien ifisser li tkun tinsab maqtugħ mid-dinja kollha u tkun qed tqiegħed ħajtek lejl u nhar f'periklu ta' xi ħbit mit-Torok.

Fl-1636, Ħal Luqa laħħaq l-1,082 ruħ u 258 dar. Fl-aħħar ċensiment ta' l-1961 f'Ħal Luqa nsibu 4,140 ruħ. L-arma ta' Ħal Luqa hi — Salib aħmar ta' Sant'Andrija fuq kamp fidda. Il-motto tiegħu hu "ORAS PROSPICIO" — Inħares lejn il-Baħar).

### L-Isem Ħal Luqa

Dwar l-isem Ħal Luqa, l-aktar verżjoni li tista' tgħid l-istorjografi kollha jaqblu magħha hi din: minn taħt idejn il-Feniċi, l-gżejjer tagħna għaddew għall-idejn il-Griegi, ġens għaref u daqstant ieħor iqim lill-Allat foloz. Wara li konna ħlisna minn Melqart, Astarte u bosta allat foloz oħrajn il-Griegi kienu ġabulna l-Marte, l-Minerva, Erkole u ħafna allat foloz oħra u waqqfu hawn għalihom tempji sbieħ wisq u għonja bil-bosta — dawn magħrufa ħafna mill-għorrief fosthom Ċiċerun.

Kien miġjub ħafna mill-Maltin, l-alla Erkole, alla tas-saħħa. Dawk il-ġentili kienu jemmnu li dan alla niżel fl-infern, rebaħ in-nirien, fejn imbagħad inkuruna ruħu bil-luq. (Dan il-luq kien miżmum bħala xebħ il-feliċità u l-allegrija fi żmien l-idolatri). Għalhekk is-Salj (Saċerdot tiegħu) kien idawwar rasu b'din il-kuruna.

Din id-drawwa baqgħet miexja 'l quddiem saħansitra r-raħħala tagħna fl-Imnarja kienu jmorru l-Buskett għall-festa bil-weraq tal-luq f'rashom jieklu u jixorbu, jiddevertu bid-daqq u biż-żfin.

Sa żmien l-Ordni, il-luq kien jitqiegħed fil-gallarija tal-Gran Mastru, tal-Balliju u ta' l-impjegati kollha, u hemm jitħalla sa tmint ijiem. Din id-drawwa, l-Ordni kienet ħaditha mill-Maltin jew mir-Rodjani billi missirijiethom kienu jqimu lill-alla Erkole.

Il-luq hi siġra bil-weraq tagħha bojod minn taħt u ħodor minn fuq u issebbaħ l-art fejn tkun mhux bil-ftit.

Għalhekk minn Raħal il-Luq, wara seta sar Raħal Luq jew Luqa — Ħal Luqa.

### Verżjoni Oħra

Il-magħruf Annibale Preca jaħseb xort'oħra fuq isem dan ir-raħal: "Il-kelma Għarbija Ħalaq tfisser witja, in-nom "Ħalâq", witja lixxa, il-plural "Ħalaqot", imkejjen lixxi, plural ieħor. "Ħalluqim" tfisser lixx; "Ħelaq", biċċa art, u fl-aħħar "Ħalluqaħ" hija biċċa art ukoll".

Ħal Luqa hu fil-għoli u lixx, witja u bla ħotob. Tant hu hekk li fih nbena l-ajruport.

Sadanittant, aħna nassoċjaw Ħal Luqa ma' San Luqa, il-ħabib ta' San Pawl fil-miġja tiegħu fostna.

**Sant'Andrija — Knisja Parrokkjali**

Il-knisja ewlenija ta' Ħal Luqa, kienet sa minn wara l-1436 magħquda mal-matriċi ta' Birmiftuħ. Bit-tħabrik ta' Mons Martin Alfieri, Inkwiżitur u Delegat Apostoliku, din il-knisja ġiet maħlula u mwaqqfa f'parroċċa għaliha fil-15 ta' Marzu 1633.

Fi żmien Mons Dusina, Ħal Luqa kellu miegħu tmien knejjes. L-ewlenija kienet dik dedikata lill-Appostlu Sant'Andrija, u li kinet antika ħafna.

Fl-1650, bit-tħabrik ta' l-ewwel Kappillan Dr Dun Wistin Cassia, inbniet il-knisja parrokkjali fuq pjanta ta' Masu Digli fuq stil Doriku. Il-knisja tlestiet fl-1670 u ġiet konsagrata mill-Isqof Labini fl-1783. Il-kwadru ewlieni, ta' Mattia Preti, kien ġie restawrat minn Ġużeppi Cali'.



*Sant'Andrija — Knisja Parrokkjali*

Wara li waqgħet bil-gwerra, il-knisja reġgħet inbniet taħt it-tmexxija tal-Perit Micallef, u ġiet konsagrata mill-ġdid fl-1962.

L-iskultura li nisbu hawn hi sabiħa wkoll. Ċensu Decandia skolpixxa l-monument fl-1884 u Karlu Darmanin għamel l-erba' Kerubini li hemm madwaru. Il-vari tal-Passjoni saru minn Mastru Pepp Vella mill-Belt madwar l-1830. Dik ta' San Pietru ħadimha Indri' Camenzuli fl-1795. Fl-1910 saret il-faċċata l-ġdida bil-kampnari u l-kappelluni li tlestew bit-tħabrik tan-nies tar-raħal.

**Knejjes u Istituzzjonijiet**

Knejjes oħra f'Ħal Luqa huma dawk ta' San Ġużepp, San Ġakbu, tal-Karmnu, it-Twelid tal-Madonna u dik ta' Santa Marija. Ma dawn insibu f'Ħal Luqa, l-kunvent tas-sorijiet Franġiskani u l-Isptar San Vinċenz.

**Fdalijiet Qodma**

Fl-inħawi ta' Ħal Luqa, bħal f'ħafna postijiet oħra f'Malta, instabu fdalijiet neolitiċi, ta' żmien il-bronż, Feniċji u Ruman.

**XOGĦLIJIET ĠODDA F'ĦAL LUQA**

**F'Ħal Luqa, bħal f'kull post ieħor f'Malta u Għawdex, saru u qed isiru diversi xogħlijiet ta' siwi għal lokal.**

**Minbarra x-xogħol ta' toroq u bini ta' flats, il-Gvern preżenti ħa bis-serjetà l-immodernizzar ta' l-Isptar San Vinċenz.**

**F'dan l-Isptar, is-swali antiki u komuni għal kulħadd, magħrufa aħjar bħala 'Nightingale Wards' ġew modernizzati b'tali mod li jipprovdu l-mezzi kollha sabiex ix-xjuħ li jkunu jgħixu fihom jagħmlu dan f'kundizzjonijiet xierqa għaż-żmien tal-lum.**

*Xogħol estensiv ta' toroq madwar l-ajruport*







# AIR TERMINAL ĠDID F'ĦAL LUQA

**Kif għidna, Ħal Luqa hu magħruf l-aktar għall-ajruport.**

**Kif kulħadd jaf, is-sena l-oħra l-Gvern lesta l-proġett ġgantesk tar-runway il-ġdida. Il-proġett kollu sewa madwar £M9 miljuni.**

**Sadanittant, parti mit-Terminal il-Ġdid ta' l-ajruport, dik li tilqa' l-passiġġieri, hi kważi lesta u mistennija li tkun miftuħa dalwaqt.**

**Permezz tar-runway u l-Air Terminal ġdid, il-bżonnijiet ta' l-industriji, turiżmu u kif ukoll ta' l-avjazzjoni in ġenerali żgur ikunu kollha moqdija għall-aħħar.**



Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — Stampat fl-U.Ċ.S. — Stamperija tal-Gvern